*28 ta' Novembru, 2012*
*140/2012*

**IL-PAPA BENEDITTU XVI JAĦTAR LILL-ISQOF CHARLES J. SCICLUNA**

**MEMBRU TAL-KONGREGAZZJONI TAD-DUTTRINA TAL-FIDI**

Il-Qdusija Tiegħu, il-Papa Benedittu XVI ħatar lill-Eċċellenza Tiegħu Reverendissima Mons. Charles J. Scicluna, bħala membru tal-Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi fil-Vatikan. Il-membri tal-Kongregazzjoni huma Kardinali u Isqfijiet li jew jaħdmu fil-Vatikan jew fi Djoċesijiet madwar id-Dinja. Huma jiltaqgħu diversi drabi matul is-sena, dejjem nhar ta' Erbgħa, biex jiddiskutu l-kwistjonijiet l-iżjed importanti dwar id-duttrina tal-Knisja u jiddeċiedu l-kawżi l-iżjed gravi li jitressqu quddiem il-Kongregazzjoni. Il-membri tal-Kongregazzjoni huma awtomatikament Imħallfin fuq it-Tribunal tal-Kongregazzjoni li jiddeċiedi kawżi penali gravi.